KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/2022

18 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fil-11:00 ta' filghodu.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

10.1 **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

10.1. Ma kellniex.

10.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

10.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 9.22 u 9.22b kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

10.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Christopher Bruno u ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas il-minuti ġew approvati unanimament

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

10.3 **1. Punt 9.3.1 Tender – Sit ta' Rikreazzjoni Rnella/Salvatur**

Is-Sindku reġa' fakkar il-Kunsill dwar is-sitwazzjoni taż-żewġ tenders li inħarġu fir-rigward is-sit ta' rikreazzjoni bi swit Triq Rnella. Talab ukoll lis-Seg Eżek tagħti aktar informazzjoni teknika fuq iż-żewġ tenders peress illi hija l-persuna involuta fil-board tal-evalwazzjoni u hija l-persuna tikkordina kollox f'dan ir-rigward.

Is-Seg Eżek spjegat illi l-ikbar tender li inħareġ visavi x-xogħol ġie magħluq sa fl-aħħar b'kumpanija idoneja li ġġib l-isem ta' 189 Partners Limited. Filwaqt illi l-offerta li inħarġet fuq l-equipment li jrid jitweħħel fiż-żona ġiet miftuħa llum stess aktar kmieni fil-ġurnata flimkien mal-board pero' ma setgħetx tingħalaq il-għaliex kellhom jintbgħatu xi klarifikazzjonijiet lill-offerturi li wrew interess.

Is-Seg Eżek qalet ukoll illi fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tikkordina l-aħħar sezzjoni ta' evalwazzjoni biex forsi finalment jagħlaq it-2 tender u l-kunsill ikun jista' jiltaqa' mal-kuntratturi sabiex jinbeda x-xogħol fiż-żona.

**10.4** **Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

10.4. A. **Ismijiet tat- Toroq ( tieni fażi):**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara li ġew aġġornati toroq b'ismijiet ġodda fl-ewwel fażi ta' dan l-eżerċizzju huwa qal illi fl-aħħar ġranet kien għaddej b'ħidma twila flimkien mal-kumitat tat-tismija tat-toroq fuq it-tieni fażi ta' tismija ta toroq ġodda jew b'li hemm bzonn. Huwa qal illi jaf illi bidla bħal din ser iġġib skariġġ lir-resident pero' dan huwa neċessarju biex nipproteġu l-identita' tar-raħal kif ukoll jitranġaw anomaliji li hawn fil-preżent madwar ir-raħal kollu li jinkludu wkoll rinumerar ta' żoni li saħansitra l-posta jew pustier qed jiġu f'diffikulta' meta jiġu sempliċiment titqassam ittra.

Il-kunsill iddiskuta l-proposti kollha li kien qed iressaq is-Sindku fuq tibdil u sanzjonar ta' toroq fil-lokal fejn prattikament kien hemm qbil anonimu fuq kollox hekk kif spjegat aktar l-isfel f'dan il-punt barra żona waħda li tinkludi l-Pjazza Sagra Familja u Triq Patist Borda. Wara li ma nstabx qbil bejn il-kunsill is-Sindku ddeċieda illi fil-preżent is- sanzjonar u tranġar ta' din iż-żona tibqa' waħda pendenti.

Sanzjonar ta Toroq bi qbil unanimu:

- Isem gdid ghall gnien pubbliku bl'isem ta Gnien Rnella
- Sqaq ic-cimiterju jinbidel ghall Trejqet ic-Cimiterju
- Parti minn Triq Missjoni Taljana tigi Wesgha Joseph Chetcuti
- Parti minn Triq is-Salvatur tigi Dahla Sir Nigel Cecil
- Parti ohra minn Triq is-Salvatur tigi Triq Mro. Lorenzo Gonzi
- Triq is-Salvatur / Triq Luigi Pisani tigi Wesgha l-10 ta' Dicembru 1897
- Parti minn Triq ir-Rinella tigi Wesgha s-Salib tal-Assedju
- Triq Santu Rokku / Triq ir-Rnella tigi Triq Wied ir-Rnella
- Parti minn Triq Santu Rokku tigi Triq Wied Ghammieq
- Parti ohra ta Triq is-Santu Rokku tigi Triq il-Kanun Tal-Mija
- Santu Rokku ( estensjonijiet) tibqa Triq Santu Rokku
- Parti ohra minn Triq Santu Rokku tigi Triq ic-Cimiterju Navali
- U parti ohra mill -istess Triq Santu Rokku tigi Triq Guzeppi Valerju Abela

B. **Laqgħa Transport Malta dwar Reorganizzazzjoni Mażri** : Is-Sindku nforma l-kunsill dwar laqgħa li kellu ma' Transport Malta kif ukoll ma xi uffiċjala mill-Ministeru fejn wara ħafna kritika fuq il-midja soċjali fuq il-kwistjoni tar-reorganizzazjoni ta' mażri fis-sit magħruf bħala x-Xewkija tal-Kalkara. Is-Sindku reġa' spjega dak li kien ukoll diġa' tella

fuq il-paġna uffiċjali ta' facebook tal-Kunsill Lokali. Tajjeb ukoll li ssemma illi l-kunsill ġie bbumbardjat minn kull għatt kemm mir-residenti kemm mill-midja nazzjonali. Tajjeb li wieħed jgħid illi wara din il-laqgħa ġew iċċarati ħafna punti mal-istess awtorita' fejn fl-ebda ħin u mument it-Transport Malta ma tefa' applikazzjoni biex f'din iż-żona ssir 'yacht marina'. Huma kkonfermaw illi dan mhux minnu u li lanqas il-footpath preżenti mhux ser tikber jew tiċkien b'ċentimetru. Kien hemm ħafna misinterpratazzjonijiet kbar u b'hekk inqala' kjass kbir. Tajjeb li wieħed jgħid illi l-kunsill tefa' r-rapreżentazzjoni tiegħu uffiċjalment through il-proċeduri bil-liġi fuq gwida tal-Perit tal-kunsill fi ħdan il-Planning Authority. Tajjeb li wieħed jgħid illi rapreżentazzjonijiet kien hemm madwar 200 u iktar. Is-Sindku qal illi waqt din il-laqgħa ċċara u kkonferma l-pożizzjoni tal-kunsill fejn fl-ebda ħin il-kunsill m'hu kontra r-riorganizazzjoni taż-żona imma kontra li issir 'yacht marina'. L-uffiċjala preżenti kkonfermaw illi dan mhux minnhu u li l-midja soċjali nterpretaw din l-applikazzjoni ħażin fil-verita. It-TM spjegaw lis-Seg Eżek kif ukoll lis-Sindku li kienu preżenti t-2 għal din il-laqgħa illi fil-preżent huma qed jagħmlu studji kbar biex isir 'stock take' ta' dak li hemm fil-preżent kemm bħala mażri li jidhru viżivament kif ukoll dak li hemm taħt il-baħar.

C. **Jum il-Kalkara**: Is-Sindku nforma l-kunsill illi bħalissa għaddej b'diskussjonijiet mal-Kappillan minħabba l-bidu taċ-ċelebrazzjonijiet tal-125 sena biex jinsab bilanċ bejn is-serata tal-Kalkara fejn jingħata Ġieħ kif ukoll bejn l-attivitajiet ta' ċelebrazzjonijiet tal-knisja. Biex ma jaħbtux flimkien. Is- Sindku xtaq isejjaħ laqgħa informali mal-kunsilliera biex jitpoġġew fuq il-mejda l-ideat tal-kunsilliera kollha kif is-serata ta' Jum il-Kalkara tista' tiżvolġi qabel ma tibda tinħadem il-loġistika. Is-Sindku qal illi l- programm għandu jiġi diskuss waqt din il-laqgħa li ser ikun qed jikkordina mal-kunsilliera fil-ġranet li ġejjin fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali Kalkara. B'hekk ukoll tkun tista' tinħareġ is-sejħa għal min ser jingħata Ġieħ il-Kalkara għal pubbliku bħal kull sena.

## 10.5 Korrespondenza:

1. **Domestic Violence – Road Side Campaign –**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara laqgħat li kellu inkluż kunsilli oħra fil-jiem li għaddew mal-awtorita' kkonċernata fuq il-vjolenza domestika ser ikun qiegħed jaħdem magħhom biex jitweħħlu sinjali ġodda li ha jiffinanzjaw huma madwar il-lokal tal-Kalkara kif ukoll f'lokalitajiet oħra . Temporanjament ser ikunu qed jinbidlu xi sinjali tat-traffiku għal matul din il-kampanja bħala awareness fuq din il-materja.

2 **Xelter Taraġ San Ġużepp -**

Is-Sindku spjega illi xi ftit jiem ilu l-assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara talbuna permess biex dan ix-xelter jiġi identifikat taħt min jaqa' peress li għandom interess iġibu fondi u jiġi rrestawrat dan ix- xelter. Is-Sindku ssuġerixxa illi la darba din l-assoċjazzjoni hija tant effiċjenti u tagħti kas il-patrimonju tal-lokal illi l-kunsill jieħu taħt ismu dan ix-xelter minn għand il-Lands Department biex imbgħad l-assoċjazzjoni japplikaw għal fondi neċessarji. Is-Sindku qal illi d-devoluzzjoni ta' dan ix-xelter fil-fehma tiegħu għandu jkun ta' propjeta tal-kunsill għax wara kollox hekk jixraq.

Il-kunsill qabel unanimament illi dan ix-xelter għandu jiġi devolut lill-kunsill u jsir MOU mal-assoċjazzjoni fuq min ser jieħu ħsieb xiex bħal kirja, manutenzzjoni u affarijiet oħra. Is-shelter għandu jibqa' propjeta tal-kunsill.

2. Il- Kunsill qabel unanimament ma dak li qed jigi issuggerit u iggwidat mid-dipartiment tal-Kunsill stess biec tinhareg sejha interna ghall-Contracts Manager fi hdan il-Kunsill Lokali tal-Kalkara dan wara li il-kuntratt prezenti wasal biex jiskadi kif ukoll jigu trangati xi anomaliji li kien hemm f'dan il-kuntratt stess meta kien sar originarjament. Din-is sejha ser tkun qed tinhareg fil-granet li gejjijn mis-Segretarju Ezekuttiv bhala kap amministrativ skond il-proceduri rikjesti.

3 **Quarterly Financial Report -**

Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek ippreżenta dokument preparat mill-accountants tal-kunsill bħal ma jsir kull 3 xhur bħala resumee tal-finanzi tal-kunsill sa Ġunju 2022. Il-kunsilliera taw daqqa t'għajn dan id-dokument u kkonfermaw illi huma jaqblu mal-figuri preżenti biex b'hekk dan l-istess dokument ikun jista' jittella' wkoll onlajn bħala trasparenza u hekk kif dejjem jiġi mitlub mid-dipartiment tal-kunsilli stess.

**10.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera ;**

a) **Maria Sultana**

Is-Sinjura Maria Sultana xtaqet tistaqsi lill-kunsill huwiex possibbli illi fl-okkażżjoni ta' Jum il-Kalkara tiġi preżentata bandiera ta' Malta biex tittella' fid-daħla tal-iskola dan wara wkoll illi hija kienet tkellmet mas-Surmast il-ġdid waqt l-school council meetings li hija President tagħhom ukoll.

Il-kunsill qabel unanimament illi tkun xi ħaġa sabiħa li l-kunsill jagħti bandiera hekk kif qed jiġi ssuġerit mis-Sinjura Sultana.

Is-Sinjura Sultana kompliet tgħid illi għal okkażżjoni wkoll ta' Jum il-Kalkara kienet ħadmet biex iġġib fondi biex it-tfal jingħatawlom 'hot dog' kull wieħed kif ukoll talbet jekk huwiex possibbli tingħatalom 'bookmark' kull wieħed bl-innu tal-Kalkara jew forsi xi ħaġa oħra sinonima ma' Jum il-Kalkara.

Il-kunsill reġa' qabel unanimament biex isiru dawn il-'bookmarks'

b) **Is-SInjura Speranza Chircop**

Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill fuq Ħarġa Kulturali li ser issir f'Novembru 2022 għal anzjani u familja li kienet qiegħeda diġa' taħdem fuqha fil-preżent.

**10.7 Punti Ġenerali**

A. **E-Van : Is-Sindku** xtaq jgħid proset u grazzi lill-kunsilliera li attendew għal laqgħa informali li kellom aktar kmieni dan ix-xahar bejnietom fuq l- E Van biex wieħed ikollu ċans joħroġ bl-ideat tiegħu kif dan il-van ser jopera erba t'ijiem oħra la jkun f'idejn il-Kunsill Lokali Kalkara. Is-Sindku spjega illi l-affarijiet għal dan il-van għaddejjin ġmielhom li jinkludi 'tracking', 'wrapping', polza tal-assigurazzjoni u dak li hemm bżonn biex fit-triq ikun kif suppost. Is-Sindku kkonferma illi l-Kap Eżekuttiv tal-MCST li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li dan il van jiġi pparkjat ġewwa l-parkeġġ privat tal-Esplora viċin il-Kunsill Lokali Kalkara.. Ħarġet ukoll sejħa interna mal-ħaddiema tal-kunsill biex wieħed juri l-interess tiegħu fejn jidħol sewqan ta' dan l-istess van. Is-servizz ser ikun wieħed 'on demand' mir-residenti u jistgħu jagħmlu użu mis-servizz kuljum bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Ser tkun qed tinħadem struttura ta' kif wieħed jista' jibbukja , fejn irid imur u dettalji oħra kollha qabel jiġi inawgurat uffiċjalment. Is-Sindku żied jgħid illi dawn il-preparazzjonijiet huma kolla necesaarji biex dan is srvizz jidhol fis sehh fix xhur li gejjijn madwar il lokal ghal beneficcju tar - residenti.

**<u>10.8 Mistoqsijiet lis-Sindku :</u>**

1 Is-Sur Vincent Bongailas xtaq jistaqsi lis-Sindku dawn il-mistoqsijiet t'hawn taħt:

2 Meta ser ikun lest il-proġett tar-Riġenerazzjoni tax-Xatt?
Is-Sindku qal illi t-tender li nħareġ mill-GHRC għal dan ix-xogħol kien ikkonkludut bi 18-il xahar fejn kieku wieħed ma sab l-ebda problema waqt ix-xogħolijiet il- proġett kellu jkun lest sal-ewwel kwart tas-sena 2023. Is-Sindku saħaq illi f'dawn l-aħħar xhur hija visivament ovvja li x-xogħol waqa' lura u mill-informazzjoni li għandu u fost il-ħafna laqgħat li jkollu ma' din l-awtorita' instabu xi problemi illi ħadu fit-tul biex ġew solvuti. Dan ifisser illi hija ovvja illi l-proġett mhux ser ikun lest hekk kif kien ippjanat oriġinarjament u wieħed għandu jifhem illi proġett ta' din in-natura wieħed kien lest għal xi kumplikazzjonijiet li setgħu inqalgħu kif fil-verita' ġara.

3 Jekk hemmx xi żviluppi fuq ic-ċaqliq tat-tankijiet ta' Rinella?

Is-Sindku nforma s-Sur Vince Bongailas illi bgħat email hu stess lill-Prim Ministru jistaqsih fuq din il-kwistjoni u jekk kienx hemm xi żviluppi minn naħa tal-gvern ċentrali nhar 14 ta' Ottubru 2022 biex ikun eżatt. Is-Sindku saħaq illi sal-ġurnata tal-lum ta' din is-seduta ma kellu l-ebda tweġiba formali pero'.

4 Jekk hemm xi żviluppi fuq il-via duct li kellom jitranġaw mill-Gvern Ċentrali ġewwa l-Bajja ta' Rnella

Is-Sindku qal illi ġiet sottomessa l-applikazzjoni minn naħa tal-Gvern Ċentrali pero' ovjament din tieħu xhur sakemm tiġi maħduma mill-Planning Authority u jkollna xi tip ta' informazzjoni mill-awtorita' hekk kif diġa' ltqajna magħhom u diġa' ġie diskuss f'seduta preċedenti.

**2 Is-Sinjura Speranza Chircop xtaqet tistaqsi lis-Sindku dawn il-mistoqsijiet:**

1. Jekk hemmx xi risposti fuq il-bankina wiesa fix-żona qabel ma tidħol lejn ir-regatta?

Wara li laqa' li kellu mal-GHRC jista' jikkonferma illi l-parkeġġi ser jiżdiedu u mhux ser jitnaqqsu prattikament gew rilokati dawk li ntilfu bil-bankina wiesa. It-triq ser tibqa' 2 way ikkonfermata wkoll is-Sindku baqa' jgħid illi din kienet kwistjoni li ħarbet il-kunsill preċedenti meta ġew preżentati l-pjanti l-kunsill dak iż-żmien ma kien hemm l-ebda kumment u oġġezzjoni fuqha u li issa troppo tardi li wieħed jibdel jew jemenda pjanta bħal dik.Is-Sinjura chircop baqghet tenfazizza illi bhala Kunsill bhala ma gieli gara f'kazi u lokalitajiet ohra ghandna inkomplu naghmlu pressjoni ma l-awtorita ikkoncernata biex jizdiedu il-parkeggi ghall-karozzi fl-istess zona u issir emenda fuq il-pjanta iffinalizzata.

3. Jekk hemmx xi żviluppi fuq is-safety measures fiż-żona ta' Triq il-Kapuċċini n-naħa fejn in-niċċa tal-Madonna kantuniera ma' Triq Santa Liberata.

Is-Sindku qal illi din il-kwistjoni kienet għadha ser tiġi diskussa mal-'Public Works' biex jara hemmx possibilta' illi x-xogħol li hemm bżonn minn naħa tagħhom.

**10.9 Mozzjonijiet**

Is-Sinjura Speranza Chircop ressqet mozzjoni quddiem il-kunsill biex jinxtraw oġetti/rigal żgħir (bħal xi ħaġa tal-ħasil jew xi frott) għal okkażjoni ta' Jum il-

Kalkara 2022 bħal kull sena u jingħataw lill- anzjani rikoverati d-dar, l-isptar jew ġo xi home.

Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera, il-maġġoranza ma qablux ma' din il-mozzjoni u ma għaddietx.

**10.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif
suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 10.22

**10. 11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fis-7:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-24 ta' Novembru 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv